National Literacy Agency

BirdLife MALTA

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

**Xalata ta' Kitba għall-Familja fir-Riserva Naturali tas-Simar**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bil-kollaborazzjoni ta' BirdLife Malta, organizzat Xalata ta' Kitba għall-Familji tal-Programm tal-Kitba fir-Riserva Naturali tas-Simar, ix-Xemxija għal tfal minn 7 snin 'il fuq. Din kienet opportunità għall-ġenituri/kustodji ta' tfal li xtaqu jaqsmu ftit tal-ħin ma' wliedhom f'attivitajiet edukattivi tal-kitba. L-attività bdiet bi żjara gwidata mar-riserva naturali minn voluntieri tar-riserva stess. Il-familji kellhom l-opportunità jitgħallmu iktar fuq l-għasafar u josservawhom fir-riserva!

Wara ż-żjara gwidata, t-tfal flimkien mal-ġenituri/kustodji tagħhom ipparteċipaw f'attività tal-kitba mmexxija mit-tuturi tal-kitba. 4 ġenituri/kustodji u 6 itfal ħadmu flimkien f'atmosfera rilassanti, biex joħolqu l-istejjer tagħhom. Lejn it-tmiem tas-sessjoni tal-kitba, il-parteċipanti kienu murija kif jirrevedu u jirranġaw l-istejjer tagħhom. Hekk kif intemmet l-attività, kien hemm xi tfal li xtaqu jaqsmu u jaqraw l-istejjer li kitbu!

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu torganizza attivitajiet simili matul is-sena kollha. Minbarra attivitajiet marbutin mal-kitba, tippromwovi wkoll il-qari u attività regolari li ssir flimkien ma' BirdLife Malta huma s-sessjonijiet għall-familji 'Magic of Stories' fir-Riserva Naturali tas-Simar kull nhar ta' Ħamis fl-4.30pm. Familji li jixtiequ jattendu attivitajiet tal-kitba bħal dawn fil-ġejjieni għandhom iċemplu lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fuq in-numru 2598 2994.